MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2007

Numru 350/1999

Il-Pulizija
(Spettur Alexander Grech)

vs

Carmelo Ellul

Il-Qorti;

Rat li l-imputat, Carmelo Ellul, ta’ 53 sena, iben il-mejjet Joseph u Josephine imwielda Schembri, mwieled iz-Zurrieq fid-9 ta’ Mejju 1954 u li joqghod 74, St. Catherine

Street, Zejtun u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 424454(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

(a) F’ Bormla fil-5 ta’ April 1999 ghal habta tat-8.00 p.m. ghamel attentat vjolent ghal pudur fuq il-persuna ta’ Mary Anne Panzavecchia ta’ 46 sena minn Bormla bi ksur ta’ l-Artikolu 207 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(b) Fl-istess cirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali; b’ eghmil li sar fuq il-persuna ta’ l-istess Mary Anne Panzavecchia; liema eghmil sar f’ lok pubbliku jew f’ lok espost ghall-pubbliku bi ksur ta’ l-Art. 209 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(c) Fl-istess cirkostanzi ghamel feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ l-istess Mary Anne Panzavecchia skond ma ccertifikaw Dr. S Attard Montalto MD u Dr. Rosanne A. Sant MD ta’ l-Isptar San Luqa.

Rat l-atti kollha tal-kawza fosthom il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 14 ta’ Mejju, 1999 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, liema dokument jinsab esebit a *folio* numru 9 tal-process.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar l-24 ta’ Gunju, 1999 (*folio* 5 tal-process) *ai termini* ta’ l-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat il-provi.

Semghat it-rattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Dan il-kaz jirigwarda rapport li sar l-Ghassa ta’ Bormla minn certu Mary Anne Panzavecchia fil-5 ta’ April 1999 fejn din irrapurtat li waqt li kienet ghaddejja minn Alexandra Street, Bormla giet agredita minn ragel li kien

ghaddej b'vann li kellu n-numru tar-registrazzjoni HAJ 134 mill-imsemmija triq.

Mary Anne Panzavecchia li xehdet fis-seduta tal-24 ta' Gunju 1999 u f'dik tat-23 ta' Mejju 2002 qalet li fid-data in kwistjoni ghal habta tat-8.00pm hija kienet ghaddejja f'St. Alexandra Street, Bormla bil-basktijiet f'idejha. Hija kienet sejra lura d-dar wara li kienet marret il-Belt mal-habiba taghha u wara li kienet waqfet ghal ftit hin ghand din il-habiba taghha li kienet toqghod il-Fgura. Hija tghid li waqt li kienet miexja fit-triq waqfet vettura ta' kulur griz jew beige warajha u minn din il-vettura hareg ragel li kien twil u liebes boiler suit u qalilha li kellu bzonnha, li kien dispost jaghtiha hames liri u talabha sabiex jaqbzu c-cint li kien hemm fit-triq. Hija tghid ukoll li resqet lura mac-cint u nizlet kokka mal-art u bdiet twerzaq u dan ir-ragel kien ser jghollilha l-flokk sabiex idahhal idejh izda hija kompliet twerzaq u peress li kienet gejja vettura ohra ir-ragel mar fil-karozza tieghu u saq. Mary Anne Panzavecchia qalet li dan ir-ragel rnexxielu jdahhal idejh fil-flokk izda ma lahaq mess xejn. Din ix-xhud tghid ukoll li hija qabdet iz-zewg basktijiet li kellha mal-art u telqet tigri u sadanittant l-istess ragel lahaqha bil-karozza, rega' nizel mill-vettura tieghu u mar warajha. Hija ghalhekk regghet nizlet kokka mal-art u dan ir-ragel beda' jaghmel idejh ma halqa ghaliex hija bdiet twerzaq hafna u kien ser jerga' jaghmel idejh taht irkoptha u beda' jipprova iqabbizha c-cint izda mbaghad huwa halliha u hija telqet tigri d-dar. Hija tghid li meta nizlet kokka mac-cint kellha grif f'irkoppitha u fdarha. Din ix-xhud ma kienitx f'posizzjoni li tidentifika lill-imputat prezenti fl-awla meta xehdet bhala ir-ragel li allegatament agrediha ghalkemm qalet li l-imputat ghandu l-istess statura u l-istess kulur tax-xahar tar-ragel li agrediha. Hija spjegat ukoll li dakinhar kienet liebsa jeans u top u spjegat ukoll li hadet notament tan-numru tar-registrazzjoni tal-vettura tar-ragel li kien agrediha waqt li kienet kokka mal-art.

L-imputat ghazel li jaghti d-deposizzjoni tieghu f'dawn il-proceduri u fil-fatt xehed fis-seduta tas-6 ta' Frar 2003 fejn qal li fil-gurnata imsemmija fl-imputazzjoni huwa kien id-dar, kellu argument mal-mara u ddecida li jitlaq il-barra u

dahal fil-karozza tieghu u qabad it-triq lejn Bormla. Huwa qal li mar lejn Bormla sabiex isib prostituta ghaliex kien jaf li f'dik il-lokalita' gieli jkun hemm dawn it-tip ta' nisa. Huwa spjega li meta wasal fil-post indikat fl-imputazzjoni ra lil mara li xehdet kontrih f'dawn il-proceduri ghaddejja minn fuq il-bankina u ghajtilha sabiex ikellimha, din il-mara bdiet thares lejh u bdiet timxi. Huwa ghalhekk ipparkja l-vettura tieghu u mar hdejha bil-mixi u qalilha 'aqdini' ghaliex haseb li din il-mara kienet 'wahda minn dawk tat-triq'. L-imputat jghid li huwa mar hdejn din il-mara u rega' talabha sabiex taqdih izda hija baqghet miexja u ma qaltlu xejn u huwa ghalhekk baqa' miexi hdejha. Meta waslu hdejn il-bini l-imputat jghid li huw tefa' idu fuq dirghajn din il-mara u qalilha sabiex tkellmu u malli rega' qalilha hekk hija splodiet u bdiet twerzaq kemm tiflah u nizlet kokka mal-art u bdiet izzomm il-borza li kellha f'idejha fl-gholi.  Dak il-hin huwa jgjhid li gerfxitu u ghalhekk ghamel idejh ma halqa sabiex ma tkompliex twerzaq u prova jqajjimha minn mal-art  izda hi ma riditx tqum u allura kif ra hekk huwa qabad u telaq minn fuq il-post. Huwa jghid li l-unika kuntatt fiziku li kellu mal-mara in kwisjtoni kien meta pogga idejh fuq spallejha meta prova jerfaghha minn mal-art.

Fl-istqarrija rilaxxjata a tempo vergine, u cioe dakinhar stess tal-akkadut (esebita *a folio* 14 u 15 tal-process) l-imputat ta piu o meno l-istess verzjoni li inghatat minnu meta xehed quddiem il-Qorti  izda dakinhar huwa qal li kien pogga idejh fuq dirghajn il-mara wara li hija ma tatx kasu meta ofrielha Lm5 sabiex tmur mieghu u hija mbaghad bdiet twerzaq u nizlet kokka mal-art. Huwa qal ukoll li qabad lil din il-mara minn spallejha b'id wahda u bl-id l-ohra prova jzommha sabiex ma taqax mal-art u laqatilha sidirha.  Hija bdiet twerzaq u tghajjat aktar u ntelqet mal-art u l-imputat jghid li huwa dahal fil-vann tieghu u telaq minn fuq il-post.

Ghalkemm Mary Anne Panzavecchia ma identifikatx lill-imputat bhala r-ragel li agrediha, l-imputat stess ammetta kemm fl-istqarrija kif ukoll meta xehed qudidem il-Qorti li huwa kien il-persuna li waqqaf lil din il-mara fil-hin u d-data indikati fl-imputazzjoni u ammetta wkoll li kellu l-incident mal-imsemija mara. Mary Anne Panzavecchia

inoltre indikat in-numru tar-registrazzjoni tal-vann misjuq mir-ragel lli agrediha u mill-provi rrizulta li fid-data u l-hin imsemmija fl-imputazzjoni kien l-imputat li kien qed isuq dan il-vann jew vettura. Il-Qorti jidrilha li jiriuzlta sal-grad rikjest mill-ligi li kien l-imputat ir-ragel li taghmel referenza ghalih fix-xhieda taghha u jidrilha wkoll li ma hemm ebda raguni il-ghala hija ghandha tiddubita mill-verzjoni tal-fatti moghtija minn Mary Anne Panzavecchia u qeghda ghalhekk taghzel li temmen din il-verzjoni tal-fatti u mhux dik moghtija mill-imputat.

Anki jekk ghal grazzja tal-argument wiehed kellu jemmen dak li qal l-imputat a tempo vergine jew meta xehed quddiem din il-Qorti wiehed difficilment jifhem kif l-imputat jista' jiggustifika l-agir tieghu dakinhar tal-incident. Bl-ebda mod ma jirrizulta li Mary Anne Panzavecchia taghtu x'jifhem li hija kienet disposta taccetta l-proposta tieghu, anzi skond dak li jghid huwa stess hija ma kelmitu xejn u baqghet miexja meta huwa proponielha li tmur mieghu ghal Lm5. Il-fatt li hija bdiet twerzaq malli huwa waqqafha kienet indikazzjoni ohra carissima li hija ma kienitx disposta taccetta l-offerta tieghu izda huwa xorta wahda ghazel li jkompli jinsisti maghha u minflok telaq minn fuq il-post mal-ewwel jew skuza ruhu pogga idejh fuq halq il-mara u prova jzommha.

Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tal-imputat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u ghalhekk huwa qed jinstab hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat, l-fatt li huwa kellu problemi familjari meta sehh l-akkadut u l-fatt li huwa kkopera mal-Pulizjia sa mill-bidu nett tal-investigazzjonijiet u ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi m'huwiex il-kaz li tigi mposta piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 207, 209 u 221 tal-Akp. 9 tal-Ligjiet ta' Malta l-Qorti tidikjara lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u

b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tikkundannah hames (5) xhur prugunerija sospizi ghal sena millum.

Il-Qorti tiddkjara ghal kull buon fini illi hija spjegat l-import ta’ din is-sentenza lill-imputat u l-konsegwenzi f’kaz li jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------